



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' April 2018
(OR. en)

7482/18

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0343 (NLE)

AVIATION 53
RELEX 259
USA 12

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' emenda għall-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar kooperazzjoni fir-regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2018/...

ta'

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea,
ta' emenda għall-Ftehim
bejn l-Istati Uniti tal-Amerika
u l-Komunità Ewropea
dwar kooperazzjoni fir-regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' [data] (għadha mhijiex ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*).

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/61¹, l-Emenda Nru 1 għall-Ftehim dwar kooperazzjoni fir-regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea ('Emenda Nru 1') ġiet iffirmata fit-13 ta' Diċembru 2017, soġġett għall-konklużjoni tagħha f'data aktar tard.
- (2) L-Emenda Nru 1 testendi l-oqsma ta' kooperazzjoni bejn il-Partijiet għall-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar kooperazzjoni fir-regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili ('il-Ftehim'), fejn tkun tista' tiġi applikata l-aċċettazzjoni reċiproka tal-approvazzjonijiet u tal-eżiti b'rabta mal-konformità, biex ikun jista' jsir l-aħjar użu ta' riżorsi u jiġu ffrankati spejjeż minn tali użu, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' sigurtà fit-trasport bl-ajru.
- (3) Jenħtieġ li l-Emenda Nru 1 tiġi approvata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/61 tal-21 ta' Marzu 2017 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja ta' emenda għall-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar kooperazzjoni fir-regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 11, 16.1.2018, p. 1).

Artikolu 1

L-Emenda Nru 1 għall-Ftehim dwar kooperazzjoni fir-regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni¹.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 3 tal-Emenda Nru 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ It-test tal-Emenda Nru 1 ġie ppubblikat fil-ĠU L 11, 16.1.2018, p. 3, flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar.